Mr John Camilleri
Chairman Editorial Board
PBS Ltd.
St Luke's Road
G'Mangia

14 ta' Frar 2007
ref 13/91

Għażiż Sur Camilleri,

**_Bondi Plus_ tas-6 ta' Frar 2007**

L-Awtorita' kellha l-opportunita' li tiddiskuti l-programm *Bondi Plus* li xxandar nhar it-Tlieta, 6 ta' Frar 2007 dwar is-suġġett tar-riżenja ta' Dr Gordon Cordina mill-ħatra ta' Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċju Nazzjonali ta' l-Istatistika u trid tesprimi l-preokupazzjoni tagħha dwar il-mod kif tħalla jiddeġenera dan il-programm ta' ġrajjiet kurrenti fuq l-istazzjon tax-xandir pubbliku.

Waqt li l-Awtorita' tħoss li l-akkużi li saru fil-konfront tal-preżentatur minn wieħed mill-mistiednin fil-programm ma kinux f'lokhom u li dawn setgħu faċilment saru fil-kuntest ta' lment lill-istazzjon konċernat b'kopja lill-Awtorita' skond il-provvedimenti relattivi ta' l-Att dwar ix-Xandir (għalkemm issa li jidher li hemm proċeduri ġudizzjarji dwar dan is-suġġett, l-Awtorita' ma tistax tidħol fil-mertu ta' dawn l-akkużi), fl-istess ħin l-Awtorita' tixtieq tesprimi d-disapprovazzjoni tagħha dwar il-fatt li l-preżentatur għoġbu jidħol f'konfrontazzjoni diretta mal-parteċipant in kwistjoni, anki b'kumment ta' natura politika partiġġjana. Dawn it-tip ta' kummenti fihom infushom jistgħu joħolqu żbilanċ politiku f'programm ta' ġrajjiet ta' llum, żbilanċ li jkun jikser il-provvedimenti relattivi kemm tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ta' l-Att dwar ix-Xandir.

Irid jingħad ukoll li l-istess preżentatur naqas milli jżomm mad-disposizzjonijiet tal-Gwida u Ħtiġijiet ta' l-Awtorita' tax-Xandir dwar l-Aħbarijiet u l-Ġrajjiet ta' Llum. Fost affarijiet oħra, dawn jitolbu li preżentaturi ta' programmi dwar ġrajjiet ta' llum fl-istazzjon pubbliku jridu

mhux biss ikunu iżda wkoll jidhru li jkunu imparzjali (paragrafi 19.1). Għalhekk, preżentatur fuq ix-xandir pubbliku għandu jkun newtrali u imparzjali waqt li jkun qed imexxi programm u m'għandux jidħol f'battibekki ma' xi parteċipant li huwa stess ikun stieden biex jieħu sehem fil-programm tiegħu anke jekk, bħal f'dan il-każ partikolari, jkunu saru diversi akkużi fil-konfront tiegħu.

L-Awtorita' għalhekk tistenna li l-preżentaturi kollha li jmexxu programm fuq l-istazzjon pubbliku imexxuh bis-serenita' li s-suġġett in kwistjoni jistħoqqlu, ma jiddiġenerax b'mod li l-pubbliku ma jkunx jista' jsegwi dak li jkun qed jingħad u l-preżentatur joqgħod 'il bogħod milli jidħol f'battibekki mal-mistiedna tiegħu.

L-Awtorita' qed twiddeb lill-istazzjon li m'hijiex se tittollera aġir simili u li jekk dan it-tip ta' aġir jirrepeti ruħu, l-Awtorita' tkun kostretta li tieħu dawk il-miżuri kollha li tikkontempla l-liġi.

Fil-każ ta' dan il-programm partikolari, l-Awtorita' tinnota wkoll illi l-*promo* li ntwera qabel ma xxandar il-programm seta' kien ibbilanċjat aħjar għax naqas li jgħid li l-Partit Laburista kien ċaħad li huwa kien qed jagħmel kampanja ta' kritika personalizzata kontra Dr Gordon Cordina.

Inselli għalik,

Edgar Cassar
Segretarju tal-Bord

kopja: Is-Sur Albert Debono, Kap Esekuttiv
Ms Sylvana Cristina, News Manager & Registered Editor